NEWSPAPER POST

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUGA MILL-PARROCCA TA' SAN ĠORĠ • GĦAWDEX

Settembru – Diċembru 1997 Nru. 98 / 99

## Il-Kelma ta' l-Arcipriet

# "GĦALIEX TWELIDT"



Il-Milied! Ġrajja kbira li ta' kull sena tiġġedded quddiemna. Żmien li nistennewh ħerqana matulek, ja sena! Festa ta' imħabba, li tferraħ il-qalb. Okkażjoni unika li fiha lkoll inħossuna ħaġa waħda!

Elfejn sena ilu! L-Ewwel Milied! Bethlem......

Stennewh mijiet u mijiet ta' snin. Sakemm, f'lejla xitwija, id-dlam ħarab biex jagħmel wisa' lid-Dawl. Is-skiet inbidel f'kant ferrieħi ta' numru bla għadd ta' Anġli. Ir-ragħajja nofshom rieqda fl-għelieqi madwar, jirtogħdu mhux biss minħabba l-kesħa xxoqq il-għadam, iżda minħabba l-biża' li qabadhom hekk kif semgħu l-aħbar, erħewlha lejn l-Għar. U b'qima kbira, fix-xejn tagħhom, niżlu jaduraw lit-Tarbija Ġesu' li kienet għadha kif twieldet.

Kos!! Min jaf kieku din il-ġrajja tat-twelid ta' Ġesu' Bambin kellha sseħħ illum, fl-1997 !! Fejn kienu jpoġġuha l-aħbar dawk li jmexxu l-istazzjonijiet tar-Radju u tat-Televiżjoni? L-Edituri tal-ġurnali? L-Aġenziji ta' Aħbarijiet? U ġieni ħsieb: illum huma moda l-Konferenza Stampa! Tgħid Ġesu' kien jagħmel Konferenza Stampa biex iħabbar il-miġja tiegħu?

U b'dan il-ħsieb iberrhen f'moħħi rqadt !! U ħlomt.........

Ħlomt li kont ġejt mistieden ma' dawk li jaħdmu fil-qasam tax-xandir għal din l-imbierka Konferenza Stampa. Konna mhux ħażin. Kulħadd armat bin-note-book u l-biro, bil-laptop quddiemna..... Kont ġejt deċiż li ma nistaqsi xejn; xtaqt biss nisma' lil sħabi jistaqsu; ridt nixtarr aħjar it-tweġibiet li Ġesu' kien ser jagħti.

U bdew il-mistoqsijiet: Għaliex għarwien? Għaliex twelidt fqir? għaliex ġewwa Għar ta' l-annimali? Għaliex daqshekk dgħajjef? Għaliex bil-lejl? għaliex ħadt sura ta' bniedem? Għaliex twelid ippersegwitat? Għaliex din is-sempliċita' kollha? Għaliex.....??? Għaliex.......??? Għaliex......???

U Ġesu', dejjem bit-tbissima fuq xofftejh tkellem u bil-kalma kollha wieġeb kull mistoqsija. Ġbart f'punti dak li qal, u llum, bħala korrispondent ġenwin nixtieq ngħaddilkom dak li qal.

**"Twelidt għarwien,** sabiex intom tkunu kapaċi tinżgħu minn fuqkom kull ħjiel ta' suppervja!

**Twelidt fqir,** sabiex intom tkunu tistgħu tifhmu li jiena hu l-uniku ġid tad-dinja!

**Twelidt f'għar ta' l-annimali,** sabiex intom tkunu tistgħu tqaddsu kull ambjent!

ikompli f'paġna 6



IL-BELT VICTORIA
RIVISTA TA' KULL XAHREJN
Uffiċċju Editorjali:
CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel / Fax : 55 63 77

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITA` PARROKKJALI

06.07.97: FRANCIS JAMES, iben Joseph Camilleri u Antoinette nee' Frendo
06.07.97: MARIA, bint Christopher Debrincat u Carol nee' Grech
12.07.97: ANNABELLE, bint Teddy Grima u Sylvana nee' Attard
13.07.97: ESTHER, bint Joseph Scicluna u Mary Grace nee' Mercieca
14.07.97: GEORGE, iben John Sultana u Josephine nee' Grech
15.07.97: DAVID JOHN, iben Joseph Cutajar u Doreen nee' Axiaq
18.07.97: ANDREW, iben Emanuel Grech u Jenise nee' Xuereb
25.07.97: MIREILLE, bint George Tabone u Monica nee' Muscat
27.07.97: CHRISTIAN, iben George Mercieca u Carmen nee' Galea
02.08.97: FRANCESCA, bint Anthony Sillato u Marija nee' Vella
10.08.97: MATTHEW, iben Carmel Mifsud u Mary Rose nee' Attard
30.08.97: JURGEN, iben Jessmond Mercieca u Julie nee' Cassar
31.08.97: ROSEMARIE, bint John Gambin u Giovanna Gloria nee' Said
07.09.97: CHERIE' , bint George Cauchi u Miriam nee' Farrugia
12.09.97: MARK, iben Anthony Ellis u Anna nee' Cremona
27.09.97: JOE ROSS, iben Frankie Portelli u Rita nee' Spiteri
28.09.97: NICHOLAS, bint Nazzareno Portelli u Jessie nee' Farrugia
28.09.97: ANGELICA, bint Mario Portelli u Frances nee' xerri
09.11.97: GEORGE, iben Robert Mallia u Josephine nee' Galea
09.11.97: RIONA, bint Louis Attard u Rita nee' Vella
15.11.97: MARLON, iben Martin Gauci u Jeanette nee' Grima
16.11.97: MATTHEW, iben Charles Galea u Joanne nee' Vella
17.11.97: JURGEN, iben George Attard u Anna nee' Borg

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

06.07.97: PIERRE CAMILLERI + ANNE BLANCHE CURMI
11.07.97: NICHOLAS PAUL GALEA + SYLVIA GRIMA
11.07.97: GEORGE CGREMONA + JANE PORTELLI
12.07.97: GEORGE CINI + JOSANNE FARRUGIA
13.07.97: ALFRED GRIMA + MARY ANNE SPITERI
08.08.97: PAUL TONY CAUCHI + MARIA DOLORES MERCIECA
30.08.97: MICHAEL BUTTIGIEG + DANIELA LANZON
14.09.97: MARK MALLIA + MONICA ATTARD
20.09.97: TEDDY GATT + NATHALIE ELLIS
26.09.97: JOSEPH BUTTIGIEG + SHARON PORTELLI
27.09.97: PETER PAUL MERCIECA + MAUREEN BORG
04.10.97: LAWRENCE FARRUGIA + LORRAINE SPITERI

## MARRU JINGĦAQDU MA` KRISTU RXUXTAT

12.07.97: BASKAL ATTARD
15.07.97: KATERINA FARRUGIA
26.08.97: JOHN BAPTIST GRIMA
03.09.97: ANTON XUEREB
16.09.97: SAVIOUR CAMILLERI
07.10.97: SAVERIA DEBATTISTA
11.10.97: GEORGE PORTELLI
22.10.97: GEORGE ZAMMIT

# Editorjal. . .

## LEJN TMIEM SENA OĦRA

Kull meta jkunu qed joqorbu l-aħħar jiem ta' kull sena wieħed bilfors jitħasseb u jgħid bejnu u bejn ruħu: Imma kif jgħaddi ż-żmien?

Dalwaqt naslu fit-tmiem tas-sena 1997. Din is-sena kienet l-ewwel waħda mit-tlieta li ser iwassluna lejn it-tmiem tas-seklu għoxrin. Il-Knisja xtaqet li matul din is-sena nirriflettu u naħsbu fuq Kristu, is-Salvatur u Feddej tagħna. Id-djoċesi tagħna organiżżat il-Ħames Missjoni Djoċesana proprju bil-għan li nidħlu fil-fond iktar tat-tagħlim li ħallielna Kristu fil-preparazzjoni tagħna għal-Ġublew tas-Sena Elfejn.

Il-Missjoni ġiet u marret. Is-sena li qiegħdin fija waslet fl-aħħar ġranet tagħha. Huwa ta' min jistaqsi jekk aħna l-insara għamilniex id-dmir tagħna u waqafna ftit biex naħsbu. Sinċerament inħossu li l-ħajja li ħafna minna qed jgħixu mhux tħallihom ċans li jieqfu u jaħsbu ftit fuq dan kollu. Kulħadd meħdi bix-xogħol tiegħu. Kulħadd impenjat minn fil-għodu sa bil-lejl. Nisa tad-dar jaħdmu. Kulħadd għaddej f'ħajja mgħaġġla li ma konniex noħolmuha ftit tas-snin ilu. Nistgħu nibqgħu sejrin hekk u ninsew l-iskop veru ta' ħajjitna fuq din l-art?

Il-ħsieb li għaddiet sena oħra u forsi bqajna lura milli naraw u niżnu l-veru skop tal-ħajja tagħna għandu jnissel fina mpenn biex nieqfu ftit. Ma nistgħux nibqgħu sejrin hekk! Il-Knisja toffrila mitt ċans biex nieqfu u naħsbu. Pajjiżna, għall-grazzja t'Alla, mhux nieqes mill-opportunitajiet spiritwali. Imma kemm qed nagħmlu użu minnhom? U jekk qed nagħmlu użu minnhom kif qed isir dan l-użu? Qed tkun parteċipazzjoni attiva jew sempliċi mmoru għax hekk drajna? Qed nieħdu sehem b'impenn serju jew biex nimlew il-knejjes u s-swali parrokkjali?

Dawn il-mistoqsijiet u oħrajn iwassluk biex taħseb serjament dwar kemm għandna nsara li verament qed jgħixu ħajjithom sew. Min jaf kemm hawn li mank biss indunaw li din is-sena, li waslet fi trufha, kienet dedikata biex nistudjaw fil-fond il-persuna ta' Kristu.

X'ser jiswa għalina li nirreklmaw l-1998 bħala s-sena ta' l-Ispirtu s-Santu jekk ħafna minna jibqgħu ndifferenti? X'ser jiswa għalina l-messaġġ tal-Knisja biex naħsbu fuq l-Ispirtu li jmexxi kollox?

Fi tmiem is-sena 1997 sewwa li nieqfu u naħsbu serjament u nistaqsu lilna nfusna jekk aħniex insara tassew jew le. Din l-għażla li rridu nagħmlu. Jekk ngħidu li aħna nsara tassew, irridu nuru dejjem u kullimkien li verament hekk aħna.

J'Alla fl-1998 ħafna jindunaw b'dan u jibdew jgħixu ta' nsara veri.

***Nixtieqċu Milied hieni u sena mimlija ġid spiritwali lill-qarrejja kollha.***

# Nifirhulhom...

***L-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ għoġbu jinnomina bħala Kanoniċi Onorarji lil Dun Ġorġ Grima, lil Dun Ġwann Bosco Cremona u lil Dun Karm Curmi. Nifirħulhom u nixtequlhom Ad multos Annos!***



### DUN ĠORĠ GRIMA

Twieled ir-Rabat Għawdex fit-3 ta' Diċembru 1950 minn Ġużeppi uManuela nee' Said. Ordnat saċerdot fit-18 ta' Ġunju 1977 mill-E.T. Mons Nikol Ġ. Cauchi. Fil-21 ta' Settembru 1977 telaq lejn il-Brażil bħala missjunarju. Hemm waqqaf diversi istituti għat-tfal foqra. Fl-1984 sar l-ewwel Kappillan tal-parroċċa ta' l-Ispirtu s-Santu ġewwa Barbacena fl-istat ta' Minas Gerais. Waqqaf il-Moviment Missunarju "Ġesu' fil-Proxxmu" biex imantni eluf ta' tfal tat-triq ġewwa l-Brażil. Il-Kapitlu tal-Katidral ta' l-Arċidjoċesi ta' Mariana, flimkien ma' l-Arcisqof Mons. Luciano Mendes de Almeida, fil-25 ta' Jannar 1993 għażluh bħala Kanoniku Onorarju tal-Katidral, bħala turija ta' rispett għall-ħidma tiegħu favur it-tfal foqra u għall-ħidma tiegħu mas-Seminarju tad-Djoċesi ta' Mariana.



### DUN ĠWANN BOSCO CREMONA

Twieled fis-16 ta' Novembru 1952 fil-Fontana minn Ġużeppi u Agata nee' Cassar. Fl-14 ta' Lulju 1978 huwa ġie ordnat sacerdot mill-Em. Tiegħu l-Kardinal Ermenegildo Florit ta' Firenze, fil-Bazilika u Kolleġġjata ta' San Ġorġ. Għal xi żmien huwa wettaq ħidma pastorali fil-Parroċċatal-Madonna tal-Bon Kusill ġewwa Ruma. Bejn Jannar 1979 u Settembru 1983 huwa wettaq ħ^dma pastorali bħala Vigarju Parrokkjali fil-Paroċċa tal-Qalb ta' Ġesu' fil-Fontana. F'dan l-istess żmien kien ukoll Direttur Djoċesan tal-Għaqda ta' l-Abbatini, kariga li żamm sal-1985. Bejn l-1983 u l-1994 huwa wettaq ħidma pastorali fil-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesu' ġewwa Ġilbilta'.Fl-1 ta' Awissu 1984 ġie maħtur Rettur tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi, kariga li għadu jżomm sallum. Bħalissa qed jadi wkoll id-dmirijiet ta' uffiċjal tal-Kurja ta' l-Isqof t'Għawdex fis-Sezzjoni tal-Propjeta'.



### DUN KARM CURMI

Twieled fid-19 ta' Marzu 1957 minn John Mary Curmi u Margaret nee' Vella fil-Munxar Għawdex. Huwa ġie ordnat saċerdot fil-31 ta' Mejju 1984 mill-Q.T. il-Papa Gwanni Pawlu II fil-Bażilika ta' San Pietru ġewwa Ruma. Sentejn wara l-ordinazzjoni beda l-ħidma tiegħu fil-Kurja ta' l-Isqof fis-Sezzjoni Amministrattiva. Fis-sena 1989 sar Assistent Segretarju Amministrattiv tal-Kurja. Bejn l-1992 u l-1995 kien Direttur Djoċesan tal-Piccolo Clero t'Għawdex. F'Marzu tal-1995 ġie maħtur Direttur ta' L-A.P.S. Bank Ltd. Fis-sena 1996 ġie maħtur minn Mons Isqof Segretarju Amministrattiv tal-Kurja fejn għadu sallum. Dun Karm huwa wkoll Direttur Spiritwali fil-Legion of Mary u Assistent Ekkleżjastiku ta' l-Azzjoni Kattolika fil-Parroċċa tal-Munxar.

## *Donazzjonijiet b'Risq ir-Rivista:*

| | |
|---|---|
| Ġina Hili: Kanada | Can.$ 10 |
| N.N. | Lm2 |
| Georgia Formosa: | Lm10 |
| Emanuel Abela: Kanada: | Lm30 |
| Joseph Pace: Hamrun: | Lm10 |
| Tony & Carmen Grech: USA.: | $20 |
| John Borg: Kanada | Can.$ 20 |
| Emidia Saliba: Awtsralja: | Aus.$ 10 |
| Fr. Jospeh Grech: USA: | Lm10 |
| Kittie Xerri: | Lm2 |
| Not. J. Lia: | Lm2 |
| Raymond Saliba: | Lm2 |
| Rose Azzopardi: Kanada: | Lm5 |
| Joe Formosa: USA | Lm5 |
| Grech Tony, USA | $20 |
| Grech Joe, USA | $20 |
| Carmel & Stella Galea: USA | Lm10 |
| N.N. | Lm10 |
| N.N. | Lm4 |
| Marija Zammit: Awstralja | Lm2 |

# Milied 1997

Ommi ma kif jgħaddi ż-żmien.
Reġa' magħna l-Milied;
Din hi festa li bla dubju
Lill-għedewwa tagħmel ħbieb.

Ġesu' twieled fqajjar f'Bethlem
Biex imħabbtu dlonk jurina
Għad li aħna bosta drabi
Nonqsu lejn dil-Qalb ħanina.

Il-Milied jiġi biex jgħaqqad
Lill-ġnus kollha ma' xulxin
bla ma jħares lejn ir-razza
Il-kulur, klassi jew Din.

Jekk nixirfu lejn il-grotta
Nilmħu r-ragħajja għarkubbtejhom;
Xi żmie wara ġew il-Maġi;
X'għaġeb kbir dawn raw b'għajnejhom!

Dit-tarbija fi ftit ħrieqi
Tagħha tridna qrib kull ħin
Aħna lkoll ulied il-merħla
Illi jirgħa r-Ragħaj divin.

F'din il-merħla qis li tibqgħu
U toħorġu minnha qatt
Għax Ġesu' fil-Għar ta' Bethlem
Ġie biex jifdi lil kulħadd.

Dal-Milied O Ġesu' Ċkejken
Ejja twieled ġewwa fija
U xi ftit mill-ferħ tal-Ġenna
Ġewwa qlubna fis agħtina.

**Kav. Joe M. Attard**
*Victoria - 1997*



**It-8 ta' Diċembru - It-Tnissil bla tebgħa tal-Verġni Mqaddsa Marija -**

**Il-Kunċizzjoni - Jum għażiż ll kull Nisrani għandu jgħożż. Titlifx il-Quddiesa u Tqarbina.**

*"Nifraħ fuq li nifraħ bil-Mulej,
taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi;
għax hu libbisni bi lbies is-salvazzjoni,
bil-mantar tal-ġustizzja għattieni,
bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha.*
**Is. 61, 10**

# Papà, Mamà, Halluni Nohlom

ta' Bruno Ferrero

"F'dik l-eta' ħlomt ħolma li baqgħet profondament imwaħħla f'moħħi għal ħajti kollha...". Il-ħajja tiegħu ġiet deċiża minn ħolma: din hija frasi li tirrepeti ruħha ta' spiss meta wieħed jitkellem dwar Don Bosco. Fil-mumenti ta' dubju, ta' diffulta' jew inkella lejlet xi deċiżjoni importanti, Don Bosco kien "joħlom". Il-ħolm tiegħu kienu messaġġi; Jiġu minn fejn jiġu, kienu qishom xi ħaġa straordinarja, profetika, xi ħaġa li tfarraġ.

Don Bosco ma kienx iżomm il-ħolm għalih, anzi kien jgħaddihom lil ħaddieħor. Il-ħwejjeġ l-iktar importanti ta' ħajtu kien għaddihom lill-oħrajn permezz ta' rakkont ta' xi ħolma li kien jgħaddi minnha. Għall-kuntrarju, iċ-ċivilta' li fiha qegħdin ngħixu llum hija ċivilta' li toqtol il-ħolm, speċjalment dawk tat-tfal ċkejknin. Fil-qasam edukattiv dan iċaħħad lit-tfal minn ħaġa li hija tassew meħtieġa sabiex jikbru sewwa.

It-tfal għandhom bżonn ta' "ħin" sabiex jikbru, u f'dan il-ħin il-ħolm, is-sentimenti, l-emozjonijiet u l-fantasija jridu jiġu kultivati bl-għajnuna tal-ġenituri u ta' l-edukaturi.

Ħalli npoġġi quddiemek xi ftit konsiderazzjonijiet dwar dan:

**■ It-tfal huma adulti f'minjatura.** Illum qed jiġu mitfugħa fuqhom bil-għaġġla kollha ħafna problemi, li ma humiex lesti li jġorruhom fuqhom. It-TV u r-reklami, filwaqt li jużaw mill-aħjar li jistgħu l-komunikazzjoni li tattira, qed jimbuttaw lil dawn it-tfal sabiex iġibu ruħhom ta' adulti. Iżda anke l-ġenituri qed jgħaġġlu jdaħħlu lill-uliedhom f'soċjeta' dominata mill-mit ta' l-effiċjenza akkost ta' kollox, fejn l-unika ħaġa li tgħodd huwa r-riżultat. Ma jimpurtax "kif". L-importanti li "**tirnexxi**". Inkella hemm ir-riskju li ssib ruħek il-barra mill-mekkaniżmu. Hekk kif jidħol fl-iskola, it-tifel ser isib ma' wiċċu il-kriterji ta' *valutazzjoni, għażla,* u *esklużjoni.* Dan huwa impatt iebes speċjalment għal min ikun sempliċement qed jikber. Ma għandniex għalfejn nistagħġbu jekk f'wieħed mill-aħħar *survey* li sar fost tfal li jattendu l-iskejjel sekondarji ħarġet l-istampa li l-maġġioranza assoluta ta' dawn it-tfal huma stressati, depressi u mhux mifhuma.

**■ Iż-żgħar m'humiex kaxxa magħluqa li jeħtieġ li tiġi miftuħa.** It-tfal illum jidhru li huma kaxxi magħluqa sewwa. Kaxxaforti li tiġbor ġewwa fiha potenzjalità u oriġinalità mhux espressi. Il-verb "**teduka**" ġej mill-verb latin li jfisser "**toħroġ 'il barra**". Il-veri edukaturi huma dawk li jħallu lit-tfal jakkwistaw l-abilta' u jiżviluppaw il-kwalitajiet tagħhom. Mhux dejjem dawn il-kwalitajiet jikkorrispondu max-xewqat tal-kbar, li jippreferixxu dawk li huma strettament funzjonali għall-ħajja prattika. Iżda t-tfal jeħtieġu spazju ħieles biex itejjbu u jippruvaw il-proġetti proprji tagħhom. Dawk it-tfal li jippruvaw jaqtgħu dejjem x-xewqat tal-ġenituri tagħhom, f'xi ħin jew ieħor ser ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' waqtiet ta' kriżi. Minħabba f'hekk ħafna minnhom jibżgħu mill-mument ta' l-għażla tal-ġejjieni tagħhom, jew inkella ma jkunux żguri fuq dak li jixtieqū verament jagħmlu meta "jikbru".

**■ L-intelliġenza u l-affettivita' jridu jikbru flimkien.** Il-ġenituri jridu jgħinu lill-uliedhom jkabbru fihom dik li tissejjaħ ***Intelligenza emottiva.*** Li jkollok intelliġenza skolastika tajba ma jfissirx li tkun akkwistajt l-intelliġenza tal-ħajja, lanqas l-affarijiet meħtieġa biex taffrontaha. It-tfal jeħtieġu jiskopru id-dinja tal-emozjonijiet u tas-sentimenti. Huma l-ġenituri attenti li jistgħu jagħtuhom il-gost u l-pjaċir li jitgħallmu, it-trankwillità, il-fiduċja fihom infushom u fil-ħajja kif ukoll il-kontroll tagħhom stess. Għal dan kollu huma meħtieġa poeżiji u ħolm u f'qasam aktar wiesa spazju dejjem ikbar ta' sensazzjoni u ta' sentimenti. Is-sensibilita' mhix xi aċċessorju inutli.

**■Niskopru palestri (gymnasium) għall-ispirtu.** Il-palestri sportivi (gymnasia) huma mill-aktar frekwentati, għaliex il-ħajja moderna tkisser il-ġisem. Għaliex bl-istess mod, ma ninkwetawx dwar ir-ruħ, li ssofri ferm aktar? Jeħtieġ li jiġu maħsuba spazji veri ta' "*ri-animazzjoni*", speċjalment għat-tfal u għaż-żgħażagħ. Don Bosco hekk ħolomhom l-oratorji tiegħu. Postijiet fejn l-azzjonijiet jitħalltu f'armonija mill-aqwa mas-sentimenti u ma' l-ispiritwalita'. Kemm qed jagħmlu l-ġenituri sabiex jiżviluppaw il-ħajja interjuri ta' uliedhom?

**■ Hu meħtieġ kuntatt mġedded mar-realta'.** It-tfal ċkejknin għandhom filtru li qed itellifhom milli jkollhom kuntatt normali mar-realtà. It-TV hija speċi ta' "arma li toqtol lit-tfal": toħloq realtà parallela li tista' tibdel il-kuxjenza u li ma tħallix lit-tfal iż-żgħar jiskopru il-potenzjalita' tagħhom. *"Għaliex innannu għandu ħajja waħda, mentri l-eroj tal-Videogames għandhom iktar minn għaxra.?"* staqsa wieħed tifel espert fil-Videogames waqt li kien qiegħed jattendi l-funeral ta' nannuh. Il-ħtieġa ta' ħolm u ta' fantasija qed tiġi maqtugħa minn magni, b'mod l-iktar artifiċjali. Anke in-nuqqas ta' ġibda dejjem ikbar lejn il-qari u lejn il-kitba jnaqqsu l-ispazji lill-awtonomija. Inħoloq analfabetiżmu ġdid: dak tal-kapaċità li timmeravilja ruħek, li tirrifletti u li tikkontempla. Naħseb li jkun xieraq li wieħed jiftakar fil-motto ta' Einstein: **"Il-bniedem li tilqef il-kapaċita' li jimmeravilja ruħu huwa bniedem mejjet".**

**■ Nagħtu lit-tfal mezzi u spazji biex jiżviluppaw l-immaġinazzjoni**

L-immaġinazzjoni tippermetti lill-bniedem jiġbor ġewwa fih enerġiji, filwaqt li jiżen l-oqsma varji li jitfaċċaw quddiemu. Hu proprju minħabba l-immaġinazzjoni li l-kreattività tiżviluppa, u minħabba f'hekk, jiżviluppaw ukoll dawk il-fakoltajiet ta' adattament u tiġdid li llum huma ferm aktar meħtieġa minn epoki oħra. Il-mezzi l-iktar sempliċi għad-disposizzjoni tal-ġenituri huma il-logħob, ir-rakkont, il- ***bricolage***, il-qari. Il-logħob mhux xi kompensazzjoni, iżda neċessita' imperattiva. Ir-rakkont jippermetti li jiġu megħluba d-dwejjaq u l-biża'. Permezz tal-mekkaniżmu ta' l-identifikazzjoni jiġi mħaffef l-għarfien tal-valuri fundamentali. Il-gost li wieħed iħoss li jwettaq b'idejh xi ħaġa huwa attivita' formattiva unika. Idejn attivi jeħilsu lill-ispirtu.

**■ Ngħixu dawn l-ispazji flimkien ma' wliedna**

Wieħed mill-akbar rigali li l-ġenituri jistgħu qatt jagħtu lill-uliedhom huwa ir-rigal tal-ħin. Noqgħodu magħhom, naħdmu magħhom, niffantastikaw magħhom: dan kollu kapaċi jibdel affarijiet żgħar li ma jiswew xejn f'mumenti li qatt ma jintesew. Ir-relazzjoni ġenituri-ulied għandha bżonn ta' "**ħin komuni**".

**■ Niftakru dejjem fid-dinja ta' l-ispirtu.**

Id-dinja ta' llum tħoss b'għafsa ta' qalb in-nuqqas ta' spiritwalita'. Kulħadd, imma l-iktar iż-żgħażagħ, jħossu l-ħtieġa ta' din l-unika mediċina kontra l-intossikazzjoni ta' materjaliżmu li jbeżżà. ●

# L-EZISTENZA TAL-PURGATORJU SKOND IL-KOTBA MQADDSA

mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap

Hija verita' tal-Fidi li l-erwieħ tal-ġusti, li jkollhom dnubiet venjali jew pieni temporali waqt il-mewt, ruħhom tmur fil-Purgatorju. Dan huwa post (biex insejjħulu hekk) u stat temporanju biex l-erwieħ jiġu ppurifikati.

Mal-mixja tas-sekli ma naqsux l-insara u oħrajn, li fir-realta' ċaħdu l-Purgatorju. għall-iżbalji ta' dawn l-eretiċi titkellem id-Duttrina (tagħlim) tal-Knisja Kattolika fuq il-provi tat-Tradizzjoni. hawn insibu s-sens tajjeb u l-pjeta' ta' l-insara, ix-xhieda ta' Missirijiet il-Knisja, it-teoloġi li jargumentaw favur id-Domma tal-Purgatorju. Dawn ma jagħmlux ħlief juru prattikament il-ħtieġa li jsibu ruħhom l-erwieħ li mietu, li għandhom jidhru kollha bojod, u jkunu denji biex jidħlu fis-saltna tad-dawl u tas-sliem.

Fil-Bibbja naqraw (2 MK.38-46) Li Ġuda l-Makkabew rebaħ lil Georgia bl-eżerċitu tiegħu u wasal fil-Belt ta' Odallam. Minn hemm bagħat suldati biex jiġbru l-iġsma mejtin biex ipoġġihom fl-oqbra ħdejn il-ġenituri tagħhom u missirijiethom. Taħt il-ħwejjeġ ta' kull mejjet sabu oġġetti sagri lill idoli ta' Jamnia, ħaġa li għall-Ġudej hija interdetta mil-Liġi. Minħabba f'hekk kienu jemmnu li kienu mejtin u li kellhom bżonn li jiġu maħfura għad-delitt li wettqu.

Kollha bdew jitolbu, waqt li Ġuda beda jgħid lill-folla biex jinżammu mingħajr ħtija mewt raw b'għajnejhiom stess x'ġara lil dawk is-



suldati ħtija tad-dnubiethom. Hekk li għamel ġabra minn fost is-suldati u bagħad Ġerusalem biex isir Sagrifiċċju għall-maħfra tad-dnubiet. Din kienet ċertament azzjoni l-aktar nobbli għaliex ispirata mill-ħsieb li l-mejtin jerġgħu jqumu u jsibu ruħhom f'post ta' hena. Infatti jekk ma nittamawx fil-qawmien mill-imwiet ma kien jiswa xejn li titlo għall-mejtin. Fuq kollox Ġuda ħaseb fil-premju ta' dawk li jmutu fil-pjeta' Hija ħaga qaddisa li taħseb fil-mejtin. għalhekk huwa għamel sagrifiċċju ta' ħniena mal-mejtin biex jinħaslu minn dnubiethom.

Il-konsegwenza ta' din il-ġrajja hija ċara: is-suldati li miet fid-dnub, mela, ma marrux is-sema, imma f'post fejn setgħu joħorġu u wara, kollhom nodfa, jitilgħu s-sema. Lanqas ma marru flinfern, fejn tmur għal dejjem, mingħajr tama li xi darba toħroġ. Dawn is-suldati marru l-Purgatorju f'post bejn is-Sema u l-Infern fejn ħallsu għal ħażen li kienu għamlu.

Fil-Vanġelu ta' San Mark (2.29) "Min jidgħu bl-Ispirtu s-santu ma jkollu qatt maħfra: jibqa' ħati għal dejjem". Din hija affermazzjoni ta' Ġesu`. B'dan il-kliem ta' Ġesu` ta' min jifhem ċar li hemm dnubiet li jistgħu jiġu maħfura f'din id-dinja kif ukoll fl-oħra. Imma żgur li mhux fl-Infern fejn ma hemmx maħfra tad-dnubiet, lanqas fis-sema fejn ir-ruħ tidħol kollha nadifa. Imma l-Purgatorju huwa proprjament il-post fejn jiġu mnaddfa l-erwieħ wara l-mewt.

Hemm ukoll silta oħra fil-Vanġelu ta' San Mattew (5, 26) fejn Ġesu', permez ta' tixbiħa, jgħid li min ma jħarisx il-kmandament tal-imħabba tal-proxxmu, jiġi kkastigat mill-Imħallef Divin: "Mur l-ewwel irranġa ma' ħuk...... waqt li tkun għadek fit-triq, li ma jmurx jagħtik f'idejn l-imħallef, u l-imħallef jagħtik f'idejn il-għassies u hekk issib ruħek fil-ħabs. Tassew ingħidlek, li minn hemm ġew ma toħroġx qabel ma tkun ħallast sa' l-aħħar tliet ħabbiet".

Mela, il-Purgatorju huwa l-imkien (post) temporanju fejn l-erwieħ jiġu ppurifikati minn kull ħtija tad-dnub qabel ma jmorru fis-Sema għal dejjem. Huwa Alla li għamel iż-żmien tat-tisfija ta' l-erwieħ. mela huwa dmir tagħna li nitolbu lil Alla biex iħaffef iż-żmien ta' l-erwieħ fil-Purgatorju.

— — — — — — — —

*Referenzi:*
*Padre Davide Falcioni, Agostiniano: I Nostri Defunti. pp. 23,2,25,26.*

## IL-BRADELLA TA' SAN ĠORĠ



Din is-sena ntemm ix-xogħol kollu tal-bronż fuq il-bradella li fuqha titpoġġa l-istatwa ta' San Ġorġ fil-Bażilika tagħna matul il-jiem tal-festa. Il-bradella hija xogħol fl-injam ta' Ġorġ Gauci u ġiet imżejjna b'erba' medaljuni u tmien statwi konnessi ma' San Ġorġ. Id-disinn u l-mudelli huma ta' l-iskultur il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi, filwaqt li id-disinji tad-dekorazzjonijiet l-oħra huma tas-Sur Ġuże' Galea mir-Rabat Malta. Ix-xogħol kollu tal-bronż sar mil-bronżier Joseph Chetcuti ta' Pembroke, mgħejjun minn Anthony Xuereb. Din il-bradella għandha bħala benefattur ewlieni l-mibki Salvu Galea tal-Għaġina, kif ukoll ta' persuni oħra u saret bit-tħabrik ta' Mons. Anton Grech Vella.

# Brass & Voices

## Kunċert Impressjonanti mill-*Chorus Urbanus* u t-*Thoresby Colliery Brass Band*



Nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Lulju 1997 u l-Ħadd 13 ta' Lulju, il-Chorus Urbanus għal darb'oħra reġa ta ċertifikat mill-aqwa tal-kapaċitajiet korali tiegħu quddiem pubbliku numeruż li ħonoq il-Bażilika ta' San Ġorġ, Victoria u s-St. Paul's Anglican Pro-Cathedral fil-Belt Valletta. F'dawn il-kunċerti, flimkien mal-Chorus Urbanus ħadet sehem ukoll it-Thoresby Colliery Brass Band taħt id-direzzjoni ta' Jon Halla u b'hekk irreċiprokat l-mawra tal-Kor fl-Ingilterra s-sena l-oħra. Dan il-Kunċert f'Għawdex ġie mtellgħa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill tal-Kultura għal ghawdex taħt il-patroċinju tas-Sur Joseph Sacco, fl-assenza tas-Segretarju Parlamentari għal Għawdex, Dr. Anton Refalo.

Il-Chorus Urbanus taħt it-tmexxija ta' John Galea tana diversi siltiet mir-repertorju vast u varjat li għandu, kif ukoll 'Psalmus CL', komposizzjoni ta' l-istess surmast direttur, 'Georgius Natus Est' ta' Joseph Vella u l-kor 'Norma Vieni' mill-Opra 'Norma' ta' V. Bellini bħala 'joint items' mat-Thoresbt Colliery Brass Band. Il-Banda dewwqitna t-timbru impressjonanti tagħha b'siltiet ta' l-aqwa kompożituri fosthom Shostakovich u Wagner. Is-solisti tal-Banda Ingliża, li hija waħda mill-aqwa baned fil-Midlands u li rebħet kemm il-darba in-National Championship, kienu Neil Day (Cornet), Tery Wells u Simon Willis (Euphinium) li lkoll saħħruna bil-ħlewwa tagħhom. Mario Galea, il-klarinett solista tal-Banda La Stella u membru fl-istess kor, esegwixxi b'perfezzjoni r-'Rondo' mill-kunċert għall-klarinett ta' W.A. Mozart flimkien mal-banda Ingliza taħt id-direzzjoni ta' John Galea. Is-solisti liriċi Yvonne Galea (Sopran), Joseph Aquilina (Tenur) u Noel galea (Baxx) lkoll ħarġa bl-unuri fil-partijiet assenjati lilhom. wieħed ma jistax ma jsemmix l-intonazzjoni mpekkabbli tal-forza korali flimkien ma' dik tas-solisti u l-kumpless bandistiku. Kien hemm affjatament li għaġġeb lil kulħadd, b'bilabċ mill-aqwa u kulurit espressiv mis-sezzjonijiet kollha. Bla tlaqliq nghidu li rari sajna ħoss hekk omoġenju, bilanċjat u dinamiku għall-aħħar!

Dan il-kunċert b'xi żidiet oħra korali rega' nstema' f'St. Paul's Anglican Pro Cathedral nhar il-Ħadd 13 ta' Lulju. dan il-kunċert ġie mtellgħa bil-kollaborazzjoni tal-Anglican Chaplaincy for Malta and Gozo, il-British Council u l-British High Commission. Wara li ġie esegwit il-Psalmus CL tas-Surmast Galea, liema xogħol intlaqa' bi 'standing ovation', wasal il-mument fejn il-Chorus Urbanus reġa għamel breakthrough ewlieni ieħor fil-=kamp korali lokali. Fil-presenza tad0diriġenti tat-Thoresby Colliery Band, il-President tal-Kor, il-Perit Edward Scerri ppreżenta l-ewwel CD tal-Chorus urbanus, bl-isem "Brass & Voices" lill-Onor. Evarist Bartolo, Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura Nazzjonali. Il-British High Commissioner E.T. Graham Archer ġie ppreżentat b'CD oħra mis-Sur George Borg, Segretarju tal-Kor. F'dan is-CD, il-biċċa l-kbira tas-siltiet huma esegwiti mill-Chorus Urbanus. Fost l-oħrajn hemm xogħolijiet ta' Bruckner, Arcadelt, Malotte, Mozart, Ghedini, Joseph Vella, Sunny Galea u ta' Mro Galea nnifsu. It-Thoresby Colliery Band tiftaħ dan is-CD bil-fanfara 'Urbanus' ta' Geoff Hawley li kienet ġiet ikkommissjonata lilu mill-istess banda meta l-Chorus Urbanus kien żar l-Ingilterra s-sena l-oħra.

Servizzi oħra li taw it-Thoresby Colliery Brass Band kienu żewġ 'marching parades', waħda f'Marsalforn is-Sibt 12 ta' Lulju u l-oħra matul it-toroq tal-Belt Victoria nhar it-Tnejn 14 ta' Lulju. waqt l-Ikla Tradizzjonali li ssir fl-ewwel ġurnata tal-ġimgħa tal-festa ta' san Ġorġ, il-banda daqqet bċejjeċ mużikali fuq il-plaċier fosthom il-marċ famuż - The Banner of St. George. Din il-ġimgħa żgur li ser tibqa' f'moħħ kull min kien preżenti, speċjalment f'moħħ il-koristi u l-bandisti li kkontribwew bis-sħiħ biex il-festi ta' San Ġorġ 1997 jiftħu fuq nota straordinarja. ■

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

## *Il-Kelma ta' l-Arċipriet*

**Twelidt dgħajjef,** sabiex ħadd minkom ma jibża minni!

**Twelidt għall-imħabba,** sabiex intom ma tindubjaw qatt l-imħabba tiegħi għalikom!

**Twelidt bil-lejl,** sabiex tittendu li jiena kapaċi ndawwal kull realta' li hawn fuq il-wiċċ ta' l-art!

**Twelidt persuna,** sabiex ħadd minnkom ma jistħi jkun hu stess!

**Twelidt bħala bniedem,** sabiex kull wiehed u waħda minnkom isir "alla"!

**Twelidt ippersegwitat,** sabiex anke intom, fuq l-eżempju tiegħi, titgħallmu tilqgħu d-diffikultajiet kollha li jitfaċċaw quddiemkom!

**Twelidt fis-sempliċità,** sabiex anke intom il-bnedmin tad-dinja, tieqfu milli tkomplu tikkomplikaw l-ambjenti ta' madwarkom.

**Twelidt fil-ħajja,** sabiex inwassal lill-bnedmin kollha fid-Dar tal-Missier!"

***B'dawn l-istess ħsebijiet nixtieq inwassal lilkom ilkoll l-isbaħ xewqat għall-Milied Qaddis. J'Alla t-Tarbija ta' Bethlem timla' lil qalbkom bil-veru ferħ li hi biss kapaċi tagħti.***



Wara s-suċċess li l-opra MACBETH ta' Giuseppe Verdi kisbet fi tmiem l-istaġun li għadda fit-TEATRU ASTRA, Prof. Joseph Vella, li dderieġa l-opra, adatta arranġament mużikali ta' selection minn din l-opra għall-banda. Din is-selection indaqqet l-ewwel darba mill-Banda Ċittadina LA STELLA, taħt id-direzzjoni ta' Prof. Vella nnifsu, waqt Programm Mużikali li sar fit-Teatru Astra nhar il-Ħadd 23 ta' Novembru. Qabel ma l-Banda esegwit din is-selection, Prof. Vella irrigala l-ispartit lis-Soċ. Fil. La Stella sabiex tinżamm fl-Arkivju Mużikali tal-Banda. Il-preżentazzjoni saret lill-President tas-Soċjeta`, Dr Joseph Ellis *(ritratt)*, li f'kelmtejn li għamel irringrazzja mill-qalb lill-Prof. Vella mhux biss għal dan il-ġest tant sabiħ imma anke għall-impenn u d-dedikazzjoni li huwa kontinwament juri bħala Direttur Mużikali ta' din il-banda ewlenija t' Għawdex.

*Praga u Vienna dan l-aħħar ingħaqdu mal-lista twila ta' bliet barranin li tul dan l-aħħar nofs seklu taw identita' ġdida u mill-iktar pretiġġjuża lis-Soċjeta' Filarmonika La Stella. Fiż-żewġ kapitali, glorja ta' l-Ewropa Ċentrali, il-Banda "La Stella" żammet ħajja t-tradizzjoni tagħha bħala ambaxxatriċi mużikali dehnja ta' pajjiżna.*

# IL-BANDA CITTADINA LA STELLA FI PRAGA U VIENNA

Fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru 1997 il-Banda Ċittadina "La Stella" għamlet żjara fi Praga u fi Vienna bħala l-mistiedna ta' l-Or. fea. A.S., l-Assoċjazzjoni tar-Repubblika Ċeka responsabbli mill-organizzazzjoni ta' spettakli, festivals u kunċerti. Iż-żjara saret bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li s-Soċjeta' Filarmonika La Stella qed tagħmel biex tfakkar għeluq il-50 Sena mill-ewwel mawra tal-Banda barra minn Malta. Il-Banda "La Stella" kienet l-ewwel fost il-baned Għawdxin li ħalliet xtut artna biex toħroġ iddoqq f'art barranija.

Fi Vienna l-Banda kienet mistiedna ddoqq fil-ġonna faċċata tal-Palazz Schonbruun - nhar l-Erbgħa 5 ta' Settembru. Fil-preżenza ta' mijiet ta' turisti li kienu qed iżuru l-palazz, il-Banda bdiet is-servizz tagħha b'marċ minn ħdejn id-daħla prinċipali sa quddiem it-taraġ imponenti tal-Palazz, fejn hemm hekk esegwiet programm mużikali taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur, Prof. Joseph Vella.

Servizz ieħor xejn inqas dinjituż kien dak li sar l-għada, il-Ġimgħa 6 ta' Settembru fi Praga. Hawnhekk il-Banda kellha l-privileġġ li tibda ddoqq minn Wenceslas Square, u permezz ta' marċi brijużi Maltin, tgħaddi mit-toroq ewlenin li jwasslu saċ-ċentru storik tal-belt: Old Town Square. Propju għad-dell ta' l-Arloġġ Astronomiku li jżejjen din il-pjazza artistika, il-Banda daqqet it-tieni programm tagħha quddiem attendenza mill-iktar numeruża ta' barranin.

Dejjem taħt id-direzzjoni ta' Prof. Vella, il-banda paxxiet il-pubbliku preżenti bl-esekuzzjoni ta' xogħlijiet klassiċi li ħarġu mill-pinna ta' Suppe', Ciappara, Mascagni, Hamerstain & Rogers, u tas-Surmast Vella nnifsu. Silta partikulari li tgawdiet mhux ftit mill-pubbliku preżenti kienet *Carnevale de Venise*, ta' A.J. Arban (arranġament ta' Lawrence Borg) li fiha ż-żgħażugħ solista George Camilleri iddistingwa ruħu fuq l-Euphonium. Verament kienu jimmeritawh l-applawsi li rċieva fi tmiem din is-silta.

Grupp sabiħ ta' paritarji u ammiraturi tas-Soċjeta' akkumpanja l-Banda f'din il-mawra li saret permezz ta' titjira *chartered* tal-linja nazzjonali ta' l-ajru, Air Malta. B'kollox il-grupp kien jgħodd 129 persuna, fosthom is-Sur Paul Galea, Sindku tal-Belt Victoria u l-klarinettista Marcel Farrugia, attwalment l-iktar bandist anzjan fil-Banda. Interessanti wieħed jirrimarka li s-Sur Farrugia huwa l-uniku bandist tas-Soċjeta' li akkumpanja l-Banda fil-mawriet kollha tagħha barra minn Malta, fosthom Ruma, Firenze, Catania, Palermo, Venezja, Salerno, Como, Canicattini Bagni, Lugano, Adenau, Eupem u Ontario.

Matul din il-mawra l-grupp ittieħed fuq żewġ ħarġiet kulturali fl-ibliet ta' Dresen (Ġermanja) u Kladno (Repubblika Ċeka). Ġewwa Kladno l-grupp ingħata pranzu mis-Sindku tal-lokal f'restaurant tipiku Ċek, fejn il-banda La Stella tat ukoll is-sehem tagħha, f'lejla ta' kant, żfin u mużika tradizzjonali.

Kemm fi Kladno kif ukoll fi Praga l-President tas-Soċjeta', Dr. Joseph Ellis, u s-Sindku tal-Belt Victoria, is-Sur Paul Galea, biddlu rigali mas-Sindki u l-awtoritajiet tal-post.

Ta' min ifakkar li l-ewwel żjara tal-Banda La Stella barra minn Malta kienet f'Catania f'Settembru 1947. B'kommemorazzjoni ta' din iż-żjara l-Banda La Stella ħarġet CD ta' marċi Maltin, bl-isem "Ċinkwantenarju".

***Sr. Josepha Gauci, Soru Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu', jew aħjar kif nafuhom aħna "ta' l-Istilla", u membri wkoll tal-Parroċċa tagħna qed twettaq xogħol missjunarju ġewwa l-Ethiopia. Wara li dan is-sajf kienet fostna u tantna messaġġ qasir waqt il-Quddiesa tal-Ħadd, issa għoġobha tibagħtilna messaġġ tal-Milied għall-qarrejja kollha ta' din ir-Rivista.***

## Messaġġ tal-Milied mill-Ethiopia:

F'dawn il-ġranet ta' ferħ, insellmilkom ilkoll mill-Ethiopia.

Il-Milied hawnhekk jiġi ċelebrat fis-7 ta' Jannar, mhux bħalkom fil-25 ta' Diċembru, għaliex aħna hawnhekk insegwu Kalendarju differenti minn tagħkom. Pero' xorta waħda niftakru fil-ġrajja mportanti ta' meta Ġesu' twieled għalina. Fil-Knisja jagħmlu l-Presempju wkoll, imdawwar b'ħafna xemgħa u dawl. Iżda dak li jolqotni hu li l-persunaġġi li s-soltu tarahom fil-Grotta ta' Betlehem, hawnhekk tarahom madwarek kull jum b'mod ħaj u veru. Fit-triq tara nisa fqar iġorru wara darhom it-trabi magħlubin tagħhom. tara rġiel isuqu l-ħmir b'xi tagħbija tiben; fl-għelieqi tara nies foqra jaħdmu l-art niexfa, tfal jittabu kull fejn tħares u timxi għal-loqma ħobż ta' kuljum......

Insomma dawn huma ftit mix-xeni ta' kuljum li jfakkruni b'mod l-aktar ħaj f'dik il-ġrajja li seħħet elfejn sena ilu fir-raħal fqir u umli ta' Betlehem.

Iva, għeżież qarrejja, il-Milied hu verament ħaj hawnhekk f'din l-art tal-Missjoni. Aħna minn naħa tagħna nippruvaw mill-aħjar li nistgħu biex ngħinu lil dawk fil-bżonn. Ġesu' ġie fid-dinja biex ikun is-Salvatur tagħna, biex jerfa' lill-batut u lill-fqir. Aħna wkoll nippruvaw INĦOBBU L-IMĦABBA fit-tfal foqra li jiġu għandna biex ngħallmuhom, nitilgħuhom, inlibbsuhom u nieħdu ħsiebhom. Dak Ġesu' li twieled f'Betlehem hu l-istess Ġesu' li huwa fqir u batut u nieqes mill-imħabba.

Niftakru fihom f'dawn il-ġranet tal-Milied, meta f'Malta, it-tfal Maltin u Għawdxin jkunu jgħumu fil-ġugarelli, ikel, ilbies, eċċ., hawnhekk, fl-art ta' l-Ethiopia hawn tfal li qed ibatu l-ġuħ, l-għatx, nuqqas ta' ilbies, kura, eċċ. Faddlu xi ħaġa għal dawn it-tfal u Ġesu' żgur li jħallaskom bi grazzji kbar. Dak kollu li intom tagħmlu ma' l-iċken minn ħutkom tkunu qegħdin tagħmluh ma' ġesu' stess.

Nixtieqilkom ilkoll Milied Qaddis u Hieni, mimli b'dak kollu li tixtieq qalbkom. Itolbu għalina l-Missjunarji u aħna nwegħdukom li niftakru fikom fit-talb u fis-sagrifiċċji tagħna.

Sliem u ġid fil-Mulej lil kulħadd.

*Sr. Josepha Gauci*



*Sr. Josepha mat-tfal tal-Missjoni*

# IMFAKKRA IL-50 SENA MILL-EWWEL MAWRA TAL-BANDA CITTADINA LA STELLA BARRA MINN MALTA

Wieħed mill-isbaħ avvenimenti fl-istorja glorjuża tal-Banda La Stella kienet iż-żjara li l-Banda għamlet f'Catania f'Settembru 1947. Minbarra li fiha nnifisha din kienet diġa ħaġa straordinarja, l-okkażjoni dehret ferm ikbar f'għajnejn il-mijiet ta' partitarji, ammiraturi u ħbieb tas-Soċjeta' Filarmonika peress li din kienet l-ewwel darba li banda minn Għawdex tħalli xtut artna sabiex toħroġ iddoqq f'art barranija.

Dan l-avveniment singolari ġie mfakkar bi Programm Mużikali li sar fi Pjazza Indipendenza, fil-belt Victoria, nhar il-Ħadd 28 ta' Settembru li għadda taħt il-ħarsien distint ta' li Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, l-Onor. Myriam Spiteri Debono. Il-banda daqqet xogħlijiet ta' Mascagni, Suppe', Ciappara, Vella, Rogers & Hammerstein, Delle Cese u Urban. Il-Banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha, Prof. Joseph Vella.

Matul il-programm sar diskors kommemorattiv mis-Sur Ġorġ Borg, Viċi President tas-Soċjeta' La Stella u għotja ta' rigali lil dstax-il bandist anzjan, ilum irtirati, li 50 sena ilu



*Mons. E. Mercieca jidher ibierek il-lapida kommemorattiva mal-faċċatatal-Każin.*

akkumpanjaw lill-Banda fil-mawra tagħha f'Catania u daqqew fil-programm mużikali li sar f'Villa Bellini fit-13 ta' Settembru 1947. Il-preżentazjoni tar-rigali saret minn Dr. Joseph Ellis, President tas-Soċjeta'. Tifkiriet oħra speċjali ngħataw lill-Prpf. Joseph Vella li mtul is-snin li ilu fid-direzzjoni tal-Banda, iddeieġa għaxra mis-sittax-il programm mużikali li l-Banda tat barra minn Malta, u lill-klarinettista veteran Marċell Farrugia, l-uniku bandist tas-Soċjeta' li akkumpanja l-Banda fil-mawriet kollha tagħha li għamlet mill-1947 'l hawn.

Ċerimonja xejn inqas sinjifikattiva saret iktar tard meta mal-faċċata tal-Każin, fi Triq ir-Repubblika, li Speaker tal-Parlament, l-Onor. Myriam Spiteri Debono, kixfet lapida li tfakkar din il-grajja glorjuża. F'kelmtejn li għamlet qabel il-kxif tal-lapida, l-Onor. Spiteru Debono tat ġieħ lis-soċjetajiet filarmoniċi ta' dawn il-gżejjer li bl-inizjattiva kontinwa tagħhom qiegħdin kull ma jmur itejbu l-livell soċjali, kulturali u edukattiv tal-poplu tagħna. Is-Soċ. Filar. La Stella jirirqilha kliem ta' tifħir f'dan ir-rigward, ikkumentat Madame Speaker, l-iktar meta wieħed iqis il-kontribut siewi li qed tagħti fil-qasam operistiku ta' pajjiżna permezz tat-Teatru Astra, li huwa mwaqqaf fi ħdanha.

Il-lapida ġiet imbierka minn Mons Emm. Mercieca, Arċipriet Emeritus. Is-serata għalqet bid-daqq ta' l-innu "La Stella" u wara sar riċeviment fis-Sala Gius. Giardini Vella, li għalih kienu mistiedna għadd ta' personalitajiet distinti. ■

## ZEWG OPRI GRANDJUZI GHALL-1998 FIT-TEATRU ASTRA

# RIGOLETTO u AIDA

L-attivita' operistika fit-Teatru Astra bla dubju ta' xejn ser tisraq ix-xena tal-kalendarju kulturali tat-teatru għas-sena li ġejja. Il-Managemnent tat-Teatru għadu kemm wasal fi ftehim biex fl-1998 isiru rappreżentazzjonijiet ta' tnejn mill-aktar opri rinomati mad-dinja kolla: RIGOLETTO u AIDA.

Hija x-xewqa tal-Management tat-Teatru Astra li fl-esekuzzjoni ta' dawn iż-żewġ produzzjonijiet operistiċi kbar jinżamm il-livell għoli li ntlaħaq fl-aħħar opra li t-Teatru Astra tella' f'Mejju li għadda: Macbeth ta' Giuseppe Verdi. Għal dan il-għan ser jerġgħu jiġiebu f'pajjiżana kantanti liriċi ta' fama internazzjonali, li attwalment qed jagħtu servizz regolari fil-Metropolitan Opera House ta' New York, sabiex jinterpretaw il-partijiet ewlenin taż-żewġ opri.

RIGOLETTO ser issir nhar is-sibt 28 ta' Marzu 1998 filwaqt li l-AIDA ser issir is-Sibt 31 ta' Ottubru 1998.

Ta' min jinnota li l-1998 hija sena mill-iktar sinifikattiva għat-Teatru Astra: matulha ser jiġi mfakkar it-30 Anniversarju mill-ftuħ uffiċċjali ta' dan it-Teatru, u l-20 Anniversarju minn meta ġiet ippreżentata għall-ewwel darba l-opra lirika f'dan it-Teatru.



# Miliedfest

★ FIT-TEATRU ASTRA

**Nhar Is-Sibt 27 ta' Diċembru 1997**

★ **fis-7.00pm**

**SERATA DIVERTENTI** ★

*ORGANIŻŻATA MILL-GHAQDA ŻGHAŻAGH LA STELLA*

A+M PRINTING - 553217